MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2007

Avviz Numru. 411/2004

**Godfrey Grima**

**vs**

**Noel Grima u Daphne Caruana Galizia**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat it-30 ta' Lulju tas-sena 2004 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi prevja d-dikjarazzjoni ta' din il-qorti li l-artikolu ntitolat "A comedy of errors" miktub minn Daphne Caruana Galizia u ppubblikat f'pagna tlieta u ghoxrin (23), tal-harga ta' 'The Malta Independent on Sunday" ta' nhar it-18 ta' Lulju tas-sena 2004, li taghha Noel Grima kien l-

editur, (Dok. “A”), huwa libelluz billi joffendi l-unur u l-fama ta’ l-attur Godfrey Grima u jesponieh ghad-disprezz tal-pubbliku;

2. Li jhallsu solidalment bejniethom, jew min minnhom, lill-attur dik is-somma li tigi stabbilita minn din il-qorti a tenur ta’ l-artikolu 28 tal-Ligi dwar l-Istampa, (Kap. 248);

3. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata s-17 ta’ Settembru tas-sena 2004 li permezz taghha eccepew is-segwenti;

1. Illi l-artikolu de quo ma huwiex libelluz fil-konfront ta’ l-attur;

2. Illi fl-artikolu msemmi hemm biss fatti li jigu ppruvati u kummenti li jikkonsistu f’fair comment dwar kwistjonijiet ta’ nteress pubbliku u kritika accettabbli f’socjeta’ demokratika, kemm taht il-Ligijiet ta’ l-Istampa kif ukoll that il-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Libertajiet Fondamentali u d-Drittijiet tal-Bniedem;

3. Illi min imkien mill-artikolu ma johrog l-animus injuriandi rikjest mill-Ligi fil-konfront ta’ l-attur personalment;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw bidu ghal din il-procedura da parti ta’ l-attur jistghu jigu sinteikament elenkati bil-mod segwenti;

1. Illi l-attur hassu offiz u mmalafamat b'artikolu miktub mill-konvenuta Caruana Galizia u ppubblikat fil-harga tat-18 ta' Lulju tas-sena 2004 fil-gurnal settimanali "The Malta Independent on Sunday", li l-editur tieghu hu l-konvenut Grima;

2. Illi l-attur hassu libellat ghas-segwenti ragunijiet:

i. illi gie allegat mill-artikolista li m'ghandux esperjenza jew preparazzjoni fir-rieda politika, gbir ta' statistika tas-suq jew t'analisi sistematika ta' kwalsiasi haga taht il-kappa tax-xemx;

ii. illi ippatrocinja l-kandidatura Ewropea ta' Joseph Muscat;

iii. illi baqa' l-barra mill-Moviment IVA ghall-Ewropa;

iv. illi hu xi habib intimu ta' Alfred Sant;

v. illi l-passjoni politika tieghu hija akbar mill-lealta' tieghu lejn il-gurnalizmu;

vi. illi m'ghandux il-kwalifiki personali necessarji biex jikteb ir-rapport li kien mistieden jikteb mill-Partit Nazzjonalista wara xi elezzjonijiet;

3. Illi l-attur isostni li mill-assjem tieghu l-artikolu in dizamina jiffoka fuqu biex b'inuendo jimmalafamah;

4. Illi fir-rigward tas-suespost l-istess attur isostni s-segwenti:

i. illi l-attur ghandu esperjenza gurnalistika vasta li tmur lura ghal aktar minn erbghin (40) sena;

ii. illi hu qatt ma ppatrocina l-ebda kandidatura ghall-elezzjonijiet Ewropei izda kien biss mistieden jippartecipa bhala gurnalist t'esperjenza u ta' kredibilita' fl-inawgurazzjoni tal-kampanja tal-kandidat Joseph Muscat fejn addirittura l-intervent tieghu kien wiehed prudenti w irpozat fejn sahaq fuq il-fatt li l-kandidati li kienu se jigu eletti ma kellhomx jiehdu maghhom l-Ewropa l-glidiet lokali u sahaq li ezempju ghaqli ta' dan kien l-agir tar-Reverendu Seracino Inglott, tal-Ministru Frendo u ta' Dr. Vella li fi Brussel ghelbu l-limiti tal-kampi rispettivi taghhom u hadmu verament fl-interess ta' pajjizna;

iii. illi rigward il-fatt li baqa' barra mill-Moviment IVA ghall-Ewropa, minbarra l-fatt li din kienet ghazla purament personali li hadd m'ghandu d-dritt jikritika jew jitfa xi innuendo vendikattiv fir-rigward, jirrizulta li minhabba l-kariga tieghu fi hdan il-gurnal prestigjuz "Financial Times" ta' Londra, hu kien kostrett izomm ruhu indipendenti mill-kontroversja politika li tqajjemt, molto piu' stante li kien ukoll qed jipprezenta sensiela ta' tlettax (13) –il programm ta' l-Awtorita' tax-Xandir fuq is-suggett;

iv. illi rigward ir-relazzjoni tieghu ma Dr. Alfred Sant anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument dan seta' jew ma setax kien minnu pero' r-relata' tal-fatti turi li meta hass il-htiega li jitkellem car u tond dan ghamlu minghajr ma qaghad ihares lejn wicc hadd;

v. illi l-akbar insult hu dak sostenut mill-artikolista rigwardanti n-nuqqas tal-lealta' tieghu lejn il-professjoni gurnalistika li hija respinta emfatikament mill-attur u jgib bhala prova ta' dan l-artikolu tieghu ippubblikat fil-"Financial Times", (ara fol 62);

vi. illi rigward l-allegazzjoni ta' nuqqas ta' kwalifiki u esperjenza biex jikteb rapport bhal dak in dizamina jsostni li dan mhux minnu u hu rigorozament respint;

5. Illi in vista tal-premess l-attur hass li ma kellu l-ebda alternattiva hlief li jittutela r-reputazzjoni tieghu u jintavola l-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi rigward il-konvenut Noel Grima ghandu jinghad is-segwenti:

1. Illi hu kien l-editur tal-gurnal settimanali in dizamina fil-mument tal-pubblikazzjoni ta' l-artikolu de quo;

2. Illi hu kien qara l-artikolu in dizamina qabel il-pubblikazzjoni teighu;

Ikkunsidrat:

Illi l-verzjoni tal-konvenuta Caruana Galizia tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. illi hassitha sorpriza bil-kawza li giet intavolata kontriha minhabba l-artikolu li kitbet u li hu l-meritu tal-procedura odjerna;

2. Illi in effetti l-konvenuta fuq indikata kellha din ir-reazzjoni indikata fil-paragrafu precedenti ghaliex issostni li l-vera mira ta' l-artikolu taghha ma kienx l-attur izda l-Partit Nazzjonalista li kien inkarigah, ma ohrajn, biex janalizza l-operat ta' l-istess partit wara li xi sena qabel l-istess attur kien inghata inkarigu simili mill-Partit Laburista;

3. Illi ssostni li sa fejn taf hi, kienet dejjem rispettuza fil-konfront ta' l-attur, (ara fol 83), u li qatt ma kellha l-intenzjoni jew l-iskop li tillibellah jew li toffendi r-reputazzjoni tieghu, (ara fol 91);

4. Illi l-konvenuta de quo ssostni li l-argument principali fl-arikolu in dizamina kien li " … wiehed ma jistax jispjega …" kif il-Partit Nazzjonalista qabbad " … konsulent biex jikteb rapport dwar l-affarijiet interni

taghhom, wara li dan kien diga’ ghamel l-istess lill-partit rivali taghhom”, (ara fol 90);

5. Illi ghall-artikolista ma kienx jaghmel sens logiku li partit juri d-dettalji interni tieghu lill-persuna li kienet diga’ taf l-affarijiet interni tal-partit rivali ghalih, (ara fol 90), u li effettivament dan il-partit ma kienx serju meta ghamel dan, (ara fol 91);

Ikkunsidrat:

Illi preliminarjament ghandu jinghad illi fil-kamp odjern mhux bizzejjed li wiehed isostni li fl-artikolu tieghu dejjem kien rispettuz u li qatt ma kellu l-intenzjoni jew l-iskop li joffendi r-reputazzjoni ta’’min jinzerta fil-mira ta’’l-artikolist;

Illi kif gie ritenut fil-kawza Avukat Dr. Joseph Desira Buttigieg vs Emmanuele Cossai et, Qorti ta’ l-Appelli Kriminali per Onorevoli Mhallef William Harding, tad-29 ta’ Novembru ta’ l-1958, u kif kostantement irriaffermat fir-rigward sussegwentement anke fil-kamp odjern;

“F’materja ta’ libell, verament mhux importanti li wiehed jara x’kellu f’rasu min kiteb artikolu ngurjuz f’gurnal, ghaliex l-importanti hu li wiehed jara x’jifhem ic-cittadin ordinarju ta’ intelligenza normali meta jaqra l-artikolu nkriminat”;

Illi ghalhekk, kwantu ghall-element intenzjonali in dizamina mhux mehtieg li l-konvenuta jkollha intenzjoni specifika li tingurja;

Illi dak li hu mehtieg hu li jkunu ppubblikati kliem li joffendu r-reputazzjoni ta’ dak li jkun stante li jekk il-konvenut jipprubblika kliem li jilledu r-reputazzjoni ta’ l-attur, il-konvenut ghandu jittiehed li effettivament ried il-konsegwenza naturali ta’ kliemu;

Illi kif jghid il-Frola: “Delle Ingurie e Diffamazioni”;

“ Il dolo nella diffamazione commessa col mezzo della stampa e’ “in re ipsa”, onde non e’ da far ricerca

sull'animo vero e proprio di diffamare", (ara Dr. S. Caruana vs J. Mifsud , Qorti ta' l-Appell, 24 ta' Settembru tas-sena 2004;

Illi kif gie ritenut mill-Gately on "Libel and Slander", pp 45-46:

" The question is not what the defendant intended but what reasonable men, knowing the circumstances in which the words were published, would understand to be the meaning. Liability for libel does not depend on the intention of the defamer, but on the fact of the defamation. The question is not what the writer of an alleged libel means, but what is the meaning of the words he has used. It is not the defendant's intention, or the meaning in his own mind, that makes the sense of the libel but what was the meaning and inference that would naturally be drawn by reasonable and intelligent persons reading it";

Ikkunsidrat;

Illi subordinatament ghas-suespost, l-allegazzjoni ta' l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu li hu mhux persuna pubblika timmerita approfondiment;

Illi in effetti dan l-element hu wiehed determinat mhux minn xi allegazzjoni ta' xi persuna, izda mir-rizultanzi fir-rigward;

Illi jirrizulta li l-professjoni ta' l-attur hi dik gurnalistika ezercitata kemm lokalment, kif ukoll barra minn Malta bhala korrispondent ta'"gurnal internazzjonali prestigjuz;

Illi tali professjoni ilu jezercitaha ex admissis ghal dawn l-ahhar erbghin (40) sena;

Illi tul dan il-perjodu r-reputazzjoni u l-esposizzjoni pubblika tieghu kibret esponenzjalment tant li fost l-ohrajn anke z-zewg partiti politici l-kbar Maltin urew il-fiducja taghhom fih b'mod inkondizzjonat;

Illi ghalhekk din il-qorti qed tirrespingi l-kwalita’ assunta mill-attur fin-nota ta’ sottomissjoni tieghu ukonsegwentement tqis li l-attur hu effettivament figura pubblika bil-konsegwenzi kollha li tali kondizzjoni ggib maghha;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-premess, kif gie ritenut fil-kaz Lingens vs Austira tat-8 ta’ Lulju ta’ l-1986, fejn si tratta ta’ personalitajiet pubblici bhal ma huma persuni fil-qasam politiku, gurnalistiku u ohrajn, dawn jesponu ruhhom aktar minn haddiehor ghall-iskrutinju ta’ dak li jghidu u jaghmlu u konsegwentement ghandhom juru sens akbar ta’ tolleranza;

Illi in effetti:

“ The limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician”, (f’dan il-kaz, gurnalist ta’ fama anke nternazzjonali), “ as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance”;

Illi l-imsemmi principju gie wkoll ribadit fil-kaz ta’ Oberschlick tat-23 ta’ Mejju ta’ 1991 fejn intqal:

“ The Court notes that a politician”, (f’dan il-kaz gurnalist, ta’ fama anke nternazzjonali), must display a greater degree of tolerance with regard to criticism”;

Illi finalment ghandu jinghad li wara kollox, analizi gurnalistika serja ghandha wkoll l-iskop ta’ tissalvagwardja l-interess pubbliku stante li kif irriteniet il-Qorti ta’ Strassburgu fil-kaz “The Sunday Times vs The K.K” tas-26 t’April ta’ l-1979, l-istampa, fl-ambitu ta’ l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem:

"  … plays its vital role of public watchdog and to impart information and ideas on matters of public interest";

Ikkunsidrat:

Illi mill-lanjanzi sollevati mill-attur l-uniku lanjanza li tistraripa l-limitu tal-kumment gust u ta' l-isrutinju permissibbli f'socjeta' demokratika hi dik rigwardanti l-allegazzjoni ta' l-artikolista li l-passjoni politika ta' l-attur tisboq il-lealta' tieghu lejn l-oghla principji gurnalistici;

Illi tali affermazzjoni hi wahda li din il-qorti tqis serjissima fil-konfront ta' l-attur stante li tattakka l-kredibilita' professjonali tieghu u jekk tirrizulta - tiddistruggieh;

Illi kemm mill-analizi tal-fatti kif fuq esposti, kif ukoll mill-istima li l-istess artikolista inkriminata tafferma ghandha fil-konfront ta' l-attur, jirrizulta proprju l-kuntrarju ta' dak affermat minnha f'dan ir-rigward;

Illi jirrizulta wkoll li dan huwa rifless ukoll fl-agir taz-zewg partiti politici nvoluti li wrew fiducja ghamja fl-integrita' ta' l-attur;

Illi di piu' l-konvenuti ma gabu l-ebda prova fir-rigward ta' din l-allegazzjoni ingurjuza taghhom li effettivament tilledi r-reputazzjoni ta' l-attur jekk tithalla impunita;

Illi fil-fatt, affermazzjoni ta' dan it-tip ghandha l-effett li tnaqqas il-gieh tal-pubbliku fl-attur stante li tpingieh bhala wiehed li jikkalpesta l-principji gurnalistici quddiem il-passjoni politika;

Illi la l-ebda prova ma giet imressqa fir-rigward, tali affermazzjoni mhux biss tilledi r-reputazzjoni ta' l-attur izda tesponieh ukoll ghar-redikolu;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tal-fatt li l-attur hu persuna pubblika allura l-lanjanzi l-ohra indikati minnu ghandhom jigu minnu tollerati, se mai, ribaditi minnu stess permezz ta' l-istampa

fejn il-ligi ta’ l-istampa stess takkorda rimedju ferm anqas dispendjuz fir-rigward;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-premess din il-qorti tirrespingi ghalhekk l-eccezzjonijiet tal-konvenuti limitatament ghas-suespost u fl-istess hin takkolji l-istess eccezzjonijiet fid-dawl ta’ dak indikat qabel;

Illi ghaldaqstant din il-qorti tqis li l-konvenuti Caruana Galizia u Grima huma hatja biss ta’ malafama fil-konfront ta’ l-attur Grima billi attribwew fatt li la jirrizulta u lanqas ippruvaw – senjatament dak li jgib il-passjoni politika qabel il-principji gholjin tal-gurnalizmu;

Illi in effetti tali allegazzjoni hi meqjusa bhala wahda serja u tissottolinea li qed tiehu dan il-fatt in konsiderezzjoni meta tigi biex takkolla l-piena li tikkonsidra idonea skond il-kaz;

Ghaldaqstant din il-qorti:

1. Tiddikjara li l-artikolu “A comedy of errors” miktub minn Daphne Caruana Galizia u ppubblikat f’pagna 23 tal-harga ta’ “The Malta Independent on Sunday” tat-18 ta’ Lulju tas-sena 2004, li taghha Noel Grima kien l-editur huwa parzjalment libelluz skond il-ligi fil-konfront ta’ Godfrey Grima u jesponieh ghad-dispress tal-pubbliku;

2. Taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet Vincent Borg vs Victor Camilleri et datata l-15 ta’ Novembru ta’ l-1994 fejn gie ritenut is-segwenti:

“Id-danni li ghandha tillikwida l-Qorti ghall-hara sofferta mill-atturi mhux soggetta ghal xi regoli bhal fil-kaz ta’ danni reali kkontemplati fil-Kodici Civili. Il-ligi ta’ l-Istampa thalli l-likwidazzjoni tal-kumpens fid-diskrezzjoni kompleta tal-gudikant b’limitu ta’ elfejn Lira Maltin, (LM2,000.00,0),

(liema limitu kien sussegwentement estiz ghall-ammont ta' hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0);

3. Illi biex il-qorti tkun tista' tafferma r-ragonevolezza u r-rettitudini ta' dan l-ezercizzju tissollecita s-segwenti:

i. Illi din il-qorti taccetta bhala verosimili l-allegazzjoni ta' l-awtrici konvenuta li l-veru skop wara l-artikolu tahgha kien li tizvela l-illogicita' wara l-ghazla ta' l-attur biex ma' ohrajn janalizza l-operat ta' partit politiku meta l-istess attur kien gia' effettwa l-istess ezercizzju ghall-partit politiku direttament konkorrenti ghalih;

ii. Illi ghalhekk taqbel li l-vera mira ta' l-awtrici konvenuta ma kinitx l-attur izda dawk li hadu decizjoni li hi tara illogika u stramba;

iii. Illi nonostante cio, dan ma jaghtihiex id-dritt li tattakka u timmina l-karattru ta' l-attur b'allegazzjoni serja li effettivament mhux talli ma pprovatx, talli iddeponiet kontra l-istess allegazzjoni taghha;

4. Tikkundanna ghalhekk lill-konvenuta Daphne Caruana Galizia biex thallas lill-attur Godfrey Grima l-ammont ta' tlett mitt Lira Maltin, (LM300.00,00;

5. Tikkundanna wkoll lill-konvenut Noel Grima biex ihallas l-istess ammont indikat fil-paragrafu precedenti, (tlett mitt Lira Maltin, (LM300.00,0), ghaliex bhal editur kien naqas mr-responsabbilita' editorjali tieghu fir-rigward ta' l-attur Godfrey Grima;

6. Illi l-konvenuti Daphne Caruana Galizia u Noel Grima huma wkoll ikkundannati jhallsu l-ispejjez kollha ta' din il-procedura.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------